MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 128/2011

**Helen Mercieca (3963M), Anne Xuereb (235155M) u Mary Xuereb (654053M)**

**Vs**

**Wembley Crane Hire Limited C5773**

**<u>Rikors Guramentat.</u>**

Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Frar 2001, l-atturi ppremettew li:-

1. Fis-27 ta' Mejju 2004 gew rovinati diversi mobbli fir-residenza tal-atturi li tinsab 33, Triq Salvu Psaila,

Birkirkara u dan in konsegwenza ta’ incident kagunat minn crane proprjeta’ tas-socjeta` intimata u dan wara li l-istess crane iddemolixxa parti mill-fond residenzjali tal-esponenti.

2. Skond id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati fl-inkjesta Magisterjali (Ref. PV 995/2005) moghti fit-22 ta’ Lulju 2005 gie deciz illi dan l-incident sehh minhabba negligenza kriminali inkwantu instab illi l-incident kien prevedibbli u evitabbli.

3. Illi l-valur tal-mobbli hekk rovinata fl-imsemmi incident jammonta ghas-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf u seba u tlettin Ewro (€23,037.50) u dan kif stmat mill-espert il-Perit Richard Aquilina fl-inkjesta Magisterjali.

4. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u sa fejn hu maghruf is-socjeta` intimata ma ghandha ebda eccezzjonijiet validi fil-Ligi xi tressaq;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddispensa bis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizazzjoni u l-Procedura Civili;
2. Tikkundannha thallas is-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf u seba u tlettin Ewro (€23,037.50) kif hawn spjegat.

Bl-ispejjez komprizi wkoll dawk ta’ tlett ittri ufficjali datati 6 ta’ April 2006, 4 ta’April 2008 u 5 ta’ April 2010 kontra s-socjeta` intimata, li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**<u>Risposta Guramentata ta’ Wembley Crane Hire Limited C5773.</u>**

1. Illi qabel xejn l-atturi ghandhom jippruvaw ir-responsabbilta’ tal-konvenuta fl-incident imsemmi.
2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-atturi mhux reali u hu

eccessiv kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi gia' thallsu ammont mis-socjeta assikurattrici ta' l-esponent rigwardanti d-danni sofferti minnhom rizultanti mill-incident imsemmi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-atturi ghandhom igibu prova ghad-danni kollha li huma qed jippretendu.

Il-qorti semghet ix-xhieda, rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kaz jittratta dwar incident li sehh fis-27 ta' Mejju 2004 gewwa Triq Psaila, Birkirkara, meta nqaleb crane[1] ghal fuq djar fosthom dik tal-atturi[2] waqt li kien qieghed jintuza. Il-crane hu proprjeta tal-konvenuta.

2. Dwar dan l-incident kienet saret inkjesta magisterjali li fiha kien xehed Joseph Zammit li gie nkarigat mill-Magistrat Inkwirenti, u li xehed ukoll f'din il-kawza. Fl-inkjesta Zammit kien irrelata:-

*"Illi l-imsemmi mobile crane instab armat bil-jib f'erba' sezzjonijiet u b'estenzjoni fit-tarf tieghu maghrufa bhala flying jib, li b'kollox kellu tul ta' mija u tnejn u hamsin pied.*

*Omissis*

*Illi waqt li l-crane kien qed jtella' lill forklifter ta-marka Hyster ta' erba' tunnellati u nofs ta' kulur isfar, waqt li kien qed jpoggih fejn il-forklifter l-iehor, sehh l-incident billi l-crane bil-jib merfugh, miel u nqaleb fil-fond imsemmi bil-forklifter kien ghadu marbut.*

*Omissis*

[1] Numru WCH-006.
[2] 33, Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

*Illi fil-fehma tal-esponent dan l-incident sehh minhabba li l-crane ma kienx ippustjat fil-posizzjoni regolari tieghu bl-erba' outriggers mahrugin ugwali minn posthom;*

*Illi l-esponent irrizultalu li l-outriggers tax-xellug ma kienux mahrugin kollha minn posthom, ghaliex inkella it-triq kienet tinghalaq kollha ghat-traffiku."*[3].

Min-naha tieghu Joseph Bonello, direttur tal-kumpannija konvenuta xehed li:-

(i) Kien hu li ddecieda kif kellu jintrema l-crane;
(ii) Zewg outriggers kienu qeghdin fuq il-bankina, u b'hekk il-crane ikun iktar vicin il-bini u jitnaqqas l-ostakolu ghat-traffiku.
(iii) Kien hemm zewg outriggers li ma kienux miftuhin kollha sabiex kemm jista' jkun ma tidjieqx it-triq. Madankollu jsostni li bhala safety ma kienx jaghmel differenza.

Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konvenuta hi responsabbli ghal dak li gara[4], meta tqies li:-

(i) Il-bankina hi ghall-uzu tal-pedestrian u mhux biex fuqu jitqieghdu *outriggers* ta' crane b'piz ta' 88 tunnellata. Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2012 id-difensur tal-konvenuta ddikjara: *"Joseph Bonello jsostni li l-incident sehh meta cediet parti mill-art fejn kien wieqaf il-crane. Iddikjara wkoll li l-parti fejn cediet l-art kienet il-bankina, fejn fuqha kien hemm zewg outriggers. Il-parti tal-bankina li cediet kienet fejn kien qieghed jistrieh l-out rigger ta' quddiem."*[5]. Il-qorti tistghageb kif warden prezenti fil-post ippermetta li jitqieghed ostakolu bhal dak fuq bankina. Ghalkemm Bonello xehed: *"Ma kelliex triq ohra ghajr li naghmel uzu mill-bankina. Jiena ma ghandiex tort, ghax ma nafx x'kien hemm taht il-bankina."*. Jibqa' l-fatt li bankina qeghda ghall-uzu tal-pedestrian u mhux biex jitqieghdu outriggers ta' crane fuqha. Ir-raguni li ta Bonello ghalfejn l-*outriggers*

[3] Fol. 83-88.
[4] Artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili.
[5] Fol. 120.

tpoggew fuq il-bankina, ma tistax isservi ta’ skuzanti. Jekk minhabba l-wisa’ tat-triq u ragunijiet ta’ traffiku il-crane ma setax jintrama’ kollu fit-triq, allura ma kellux jintuza.

F’kull kaz, ladarba Bonello ddecieda li jaghmel fattieh u johrog l-*outriggers* fuq il-bankina, ghallinqas messu kellu d-dicenza li jivverifika jekk il-bankina kenitx tiflah dak it-tip ta’ piz fuqha. Sabiex isir hekk kellu bzonn jaghmel accertamenti ta’ x’hemm taht il-bankina u l-materjal li minnu kienet maghmula l-bankina. Pero’ Bonello hadem fl-ghama. Jekk ghal xi raguni jew ohra ma kienx possibbli li jgib dan it-taghrif, iktar u iktar qatt ma kellu jaghmel uzu minn bankina biex fuqha jistriehu zewg outriggers ta’ krejn ta’ dak it-toqol kollu.

(ii) Tnejn mill-*outriggers* ma kienux mahrugin kollha. Ma tridx tkun xi professur fl-inginerija biex tkun taf li l-*outriggers* jipprovdu ghal pjattaforma soda biex crane ikun jista’ jithaddem b’mod efficjenti u fejn is-sigurta tinghata prijorita. Operatur ghandu jkun konxju kemm hu kritiku l-mod kif jitqieghdu l-outriggers, u fin-nuqqas ikun qieghed ipoggi lilu nnifsu u lil haddiehor f’periklu car. Hu facli ghal Bonello li jghid li ghalkemm l-outriggers ma kienux miftuhin kollha, *“bhala safety dan imma ma kienx jaghmel differenza.”*. Fil-fehma tal-qorti din hi semplici opinjoni ta’ parti li ghandha interess dirett fil-kawza, u ma tfisser xejn. Ma tressqet l-ebda prova li ma kienx hemm htiega li l-outriggers ikunu kollha mahrugin ‘il barra meta jintuza l-krejn biex jittella’ oggett bil-piz li kien qieghed jittella’ fil-hin li sehh l-incident, jew li t-tul li kienu mahrugin l-outriggers kien skond l-*ispecifications* mehud in konsiderazzjoni tal-piz li dak il-hin kien qieghed jingarr. F’dan il-kuntest il-qorti kienet ghallinqas jistenna li Bonello jressaq bhala prova l-manwal tal-crane, jekk verament ried jikkonvinci lill-qorti.

Minn dawn ic-cirkostanzi hu altru milli evidenti li d-decizjoni li ttiehdet dwar il-mod kif intrama l-crane, kienet ghal kollox zbaljata. Bit-traskuragni ta’ haddiehor, l-atturi spiccaw isofru hsara fi hwejjighom u sahansitra kellhom jispiccaw jidhol fi spejjez ta’ kawza biex jinghataw kumpens ghat-telf tal-mobbli. Ta’ dan in-nuqqas hi

responsabbli l-konvenuta. Il-qorti trid taccenna wkoll ghal fatt li jirrizulta li l-atturi rcevew xi hlas minghand l-assiguratrici tal-kumpannija konvenuta. Joseph Bonello stess ikkonferma li l-assiguratrici tal-kumpannija hallset is-somma ta' Lm10,000, ghalkemm qal li ma jafx lil min kien sar il-hlas. Dan il-fatt fih innifsu jnissel presunzjoni li l-kumpannija konvenuta accettat ir-responsabbilta' ghall-incident. M'huwiex verosimili li l-assiguratrici tal-konvenuta qabdet u minn jeddha bdiet tqassam il-flus lid-danneggati minghajr l-involviment tal-konvenuta. Ovvjament il-fatt li rcevew xi hlas ma jippregudikax id-dritt tal-atturi biex jigu kkumpensati ghall-oggetti li ma thallsux taghhom.

3. L-atturi qeghdin jippretendu hlas bejn €20,731 u €23,060.79, bhala danni fil-mobbli. Jirrizulta li meta l-crane gheleb ghal fuq il-bini, iggarrfu soqfa ta' zewgt ikmamar; *"i) Saqaf ta' fuq il-kamra ta' wara ta' go l-ewwel sular kien sfrundat. 11) Saqaf ta' fuq il-kamra ta' wara tal-pjan terren kien sfrundat."*[6]. L-atturi rcevew hlas minghand Elmo Insurance, l-assiguratrici tal-kumpannija konvenuta. Pero' m'hemm l-ebda prova li rcevew xi hlas fir-rigward tal-mobbli. Fir-rikors guramentat jinghad li l-valur tal-oggetti huwa ta' €23,037.50 *"...u dan kif stmat mill-espert il-Perit Richard Aquilina fl-inkjesta Magisterjali."*[7]. Madankollu mill-provi irrizulta li l-perit ma ghamel l-ebda stima, u l-valur inghata mill-atturi.

Bonello jsostni li l-ammont li qeghdin jippretendu l-atturi hu ezagerat. Qal ukoll li kien prezenti meta tnaddaf il-fond u ra li ma kienx hemm oggetti li kellhom il-valur li jghidu l-atturi. Meta sehh l-incident l-atturi Anne Xuereb u Mary Xuereb kienu jghixu fil-fond in kwistjoni. Il-qorti tqies li hu verosimili li fid-dar kien hemm l-oggetti li jissemmew fil-lista a fol. 6. L-uniku dubju li ghandha l-qorti hu dwar l-oggetti li jinghad li kien hemm fi gwardarobba fil-kamra tas-sodda, u li normalment wiehed isib fi kcina[8]. L-atturi

---

[6] Fol. 58. Ara wkoll pjanta a fol. 70.
[7] Fol. 2.
[8] *"various utensils, complete stainless steel kitchen set, pressure cooker, kenwood, liquidizer, table cooker, plates, cutlery, 3 stoves, various kitchen equipment"*.

ma tawx spjegazzjoni kif dawn l-oggetti kienu jinsabu f'kamra tas-sodda.

Il-qorti ma tistax taccetta d-dikjarazzjoni li ghamel Bonello li fil-kmamar fejn waqghu is-soqfa ma kienx hemm hsara. Din kienet dar li fiha jghixu n-nies u kif kien hemm mobbli fis-salott, kien hemm fil-kamra tas-sodda u l-kamra deskritta bhala T.V. room. Il-qorti ma tifhimx kif Bonello jista' jghid li fil-kmamar fejn saret il-hsara ma kien hemm xejn, meta qatt ma dahal fid-dar qabel sehh l-incident. Wara zgur li ma seta' jara xejn ghaliex kollox spicca taht is-soqfa li ggarrfu.

Ghal fini ta' likwidazzjoni ta' danni, il-qorti hi tal-fehma li jkollha tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* meta tqies:-

i. M'hemmx provi dokumentarji dwar kif kienu l-oggetti, bhal ritratti, jew valur taghhom, bhal ricevuti meta nxtraw. Il-qorti tifhem id-diffikulta li sabu l-atturi biex jaghmlu xi prova simili, meta tqies li m'huwiex daqstant normali li persuna toqghod izzomm ricevuti tal-affarijiet li tkun xtrat ghall-uzu personali taghha.

ii. Ghalkemm inghad li kien hemm mobbli antiki u l-attrici Anne Xuereb qalet li hadu parir dwar il-valur minghand certu Paul Borg, ma nghataw l-ebda dettalji dwar l-oggetti li l-atturi jghidu li huma antiki. Il-fatt li oggett ikun ilu snin twal li nxtara, ma jfissirx li jikkwalifika bhala antikita' ta' valur. Lanqas ma nghata valur ghal kull wiehed mill-oggetti li ssemmew fil-lista a fol. 6. Paul Borg ma tressaqx bhala xhud biex jispjega x'taghrif tawh l-atturi, xi stima ta ghal kull oggett li semmewlu l-atturi u kif wasal ghal dik l-istima.

Wara li l-qorti qieset l-oggetti li ssemmew fil-lista li a fol. 6, qeghda tillikwida s-somma fl-ammont ta' **ghaxart elef ewro (€10,000)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda**

**1. Tichad l-ewwel u tielet eccezzjoni tal-konvenuta.**

**2. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens li tqies li l-hlas li qeghdin jitolbu l-atturi bhala ezagerat.**
**3. Tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli ghall-incident li sehh fis-27 ta’ Mejju 2004 gew Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u tikkundanna lill-istess sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ ghaxart elef ewro (€10,000).**

**Spejjez kollha a karigu tal-konvenuta, ghaliex fil-fehma tal-qorti kellha obbligu li tikkumpensa lill-atturi ghad-danni li sofrew izda baqghet tirrifjuta r-responsabbilta sal-ahhar.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------